MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 104/2011

Kawza fil-lista: 51

**AB bhala kuratrici ad litem**
**tal-minuri NB**
**vs**
**TY, TY**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fis-19 ta’ Novembru 2010 hija weldet lit-tifla N li fuq l-att tat-twelid taghha giet registrata bhala bint zewgha, il-konvenut TY; li l-imsemmi wild giet koncepita minn relazzjoni li l-istess AB kellha mal-konvenut l-iehor TY; li ghalhekk t-tifla mhijiex il-wild tal-konvenut Randolph Baldacchino, izda tal-konvenut TY; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-minuri N m' hijix il-wild naturali tal-intimat TY izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor TY, u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri N li ghandu n-numru progressiv ta' iskrizzjoni tlett elef, tmien mija u sittin tas-sena elfejn u ghaxra (3860/2010) billi:

(i) fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom 'Baldacchino' u tbiddlu bil-kunjom 'B' sabiex id-dettalji f' din il-kolonna jigu jaqraw 'N B'
(ii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier N tikkancella l-isem 'TY' u tbiddlu bl-isem 'TY'
(iii) fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument tal-identita' ta' missier N flok '485178M' jitnizzel bhala '67877M'
(iv) fil-kolonna fejn hemm indikata l-eta' ta' missier N flok 32 jitnizzel 34;
(v) fil-kolonna fejn hemm indikat post tat-twelid tal-missier, jithassru l-kliem 'Attard, Malta' u jigi indikat 'Pieta';
(vi) fil-kolonna fejn hemm indikat post ir-residenza ta' missier N flok 'Hal Qormi' jitnizzel 'Rabat';
(vii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier patern u jekk hux (haj) jew (mejjet) flok 'QW (dead)' jitnizzel 'Paul B (alive)';

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrefera ghall-artikoli 77B, 77D u 81 tal-kapitlu 16;

Rat in-nota li biha l-konvenut TY ddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici, ghajr li m'ghandux jehel spejjez;

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2012 il-konvenut TY iddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li t-tifla N li twieldet minn AB fis-19 ta’ Novembru 2010 hija l-wild naturali tal-konvenut TY, u mhux tal-konvenut TY.

Illi AB tispjega li, wara s-separazzjoni de facto minn ma’ zewgha l-konvenut TY f’ Dicembru 2009, hija dahhlet f’ relazzjoni stabbli u esklussiva mal-konvenut TY, liema relazzjoni ghadha sejra sallum. Tghid li wara s-separazzjoni de facto hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma’ zewgha.

Illi minn din ir-relazzjoni extra-matrimonjali twieldet l-imsemmija tifla; u li ghalhekk il-missier naturali taghha huwa l-konvenut TY.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jissufraga t-tezi ta’ AB, li hi wkoll sostnuta minn provi ohra.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi rigward l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81, il-Qorti tosserva li dina ma ssibx sostenn fil-provi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81, tilqa’ t-talbiet attrici; u, filwaqt li tiddikjara li t-tifla N li twieldet fis-19 ta’ Novembru 2010 hija l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut TY u

mhux tal-konvenut TY, tordna l-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifla fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut TY.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------